# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 13**

**Rikors numru 206/20/3 AL**

**Bridgette Attard**

**v.**

**Saviour Attard**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza ser jiġi deċiż l-appell tal-attriċi mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li biha laqgħet it-talbiet tal-konvenut (rikors preżentat fit-23 ta' April, 2021) għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti skont l-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili u n-notifika tas-sentenza lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku skont l-Art. 55(5) tal-istess liġi. Bi tweġiba preżentata fil-11 ta' Mejju, 2021, l-attriċi opponiet it-talbiet.

2. Il-partijiet iżżewġu fit-13 ta' Diċembru, 1993, u għandhom ħamest itfal li minnhom waħda għadha taħt l-eta`. Bħalissa bejn il-partijiet hemm kawża ta' separazzjoni li qiegħda tinstema' mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Kawża li nfetħet fit-18 ta' Novembru, 2020, u l-provi qegħdin jinstemgħu quddiem Assistent Ġudizzjarja. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li sallum l-attriċi għadha ma ppreżentatx l-affidavit tagħha. S'issa xehdu rappreżentanti ta' banek lokali, Transport Malta, Jobsplus, Malta Racing Club u uffiċjal tal-pulizija. Il-partijiet lanqas ma ppreżentaw lista ta' proprjeta` parafernali, assi u dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Bħal ħafna proċessi oħra f'kawżi ta' din ix-xorta, hemm *file* mimli *statements* ta' banek mingħajr spjegazzjoni ċara. Fit-23 ta' April, 2021, il-konvenut ippreżenta rikors u talab lill-ewwel Qorti sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. L-attriċi wieġbet fil-11 ta' Mejju, 2021, u b'digriet mogħti dakinhar il-Qorti appuntat ir-rikors għas-sentenza għas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021. Dakinhar tas-seduta dehru d-difensuri tal-partijiet u l-Qorti tat is-sentenza li biha laqgħet it-talba tal-konvenut u tterminat il-komunjoni tal-akkwisti. Mill-atti ma jirriżultax li xi ħadd mill-partijiet talab sabiex il-Qorti tagħti l-opportunita` li jitressqu provi qabel tagħti s-sentenza.

3. L-ewwel Qorti rraġunat hekk:

*"Fil-fehma tal-Qorti l-argumenti mressqa mill-attriċi sabiex toġġezzjona għat-talba tal-attur għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huma tali li jikkorrelataw flimkien stante li kollha kemm huma jirrivolvu madwar il-kwistjoni li l-kawza odjerna għadha fi stadju bikri in vista li għadhom ma bdewx jinġabru l-provi, u b'hekk tali talba saret b'mod prematur għaliex għadu ma ġiex stabbilit fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Għaldaqstant l-attriċi hija tal-fehma illi ser tiġi ppreġudikata b'mod sproporzjonat għaliex hi stess għadha ma tafx biċ-ċertezza liema huma dawk l-assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti, fosthom fir-rigward tal-kumpanija Absolute Construction Limited, iz-zwiemel tal-konvenut u l-flus kontanti fil-pussess tal-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi tilmenta ukoll illi ser tbati minn preġudizzju sproporzjonat minħabba d-dejn mal-Bank of Valletta plc fuq id-dar matrimonjali u kif ukoll minħabba t-tendenzi li għandu l-konvenut li jixtri l-affarijiet f'isem ħaddieħor u li jinnegozja biss bi flus kontanti.*

*<u>Fir-rigward tal-kwistjoni li talba ta' din in-natura saret b'mod prematur hekk kif għadhom ma bdewx jitresqu provi dwar dak li jappartjeni r-reġim viġenti bejn il-partijiet u b'hekk hemm nuqqas ta' rendikont dwar l-istess</u>, il-Qorti tibda billi tisottolineja illi t-talba in kwistjoni ma saritx b'mod prematur............ Fil-kaz odjern jirrizulta ċar illi t-talba tal-konvenut saret matul is-smigħ tal-kawza tal-firda personali u għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju illi saret skont l-intendiment tal-leġizlatur u fil-parametri tal-liġi. Għaldaqstant il-fatt li għadhom ma bdewx jitressqu l-provi ma jfissirx illi dik il-parti interessata għandha tkun prekluza milli tressaq talba ta' din in-natura.*

*Magħdud mal-premess u fi kwalunkwe kaz il-Qorti tfakkar illi "s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien" - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**........*

*Fid-dawl tal-insenjament surreferit, il-Qorti ma tarax illi l-oġġezzjoni tal-attriċi hija valida u l-preġudizzju vvantat minnha huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pozizzjoni tagħha. Għalkemm f'dan l-istadju tal-kawza l-attriċi għadha ma bdietx tressaq il-provi tagħha u dato ma non concesso li l-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut kif dedotta, l-attriċi xorta waħda ser jibqala' dak id-dritt li tressaq kull xhud jew dokument rigward l-assi u dejn li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti sal-mument li din tibqa' viġenti, liema assi u dejn għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza finali tagħha għal fini ta' likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-istess lill-partijiet in kwistjoni. Dan għandu japplika ukoll fir-rigward ta' dak irrilevat mill-attriċi dwar il-kumpanija bl-isem Absolute Construction Limited, iz-zwiemel tal-konvenut, u l-flus kontatti li allegatament għandu fil-*

*pussess tiegħu l-konvenut, hekk kif fi kwalunkwe kaz l-attriċi għandha dejjem il-fakolta' li tressaq il-provi taghha dwar l-istess u f'kaz li jiġi ppruvat li dawn verament jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, il-Qorti tgħaddi sabiex tgħati l-ġudizzju tagħha dwarhom fis-sentenza finali tagħha.*

*Għaldaqstant, wieħed irid izomm f'moħħu illi meta si tratta l-materja in kwistjoni, ma hemmx lok li ssir lamentela dwar in-nuqqas ta' kjarezza dwar dak li sal-prezent jistabbilixxi l-komunjoni tal-akkwisti għaliex l-elenku jew in-nuqqas tiegħu ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni huwa estranju għall-proċeduri in dizamina.*

*Fir-rigward tad-dejn mal-Bank of Valletta plc fuq id-dar matrimonjali u l-bejgħ tad-dar matrimonjali permezz tas-subbasta, il-Qorti tara illi l-attriċi tallega illi "l-konvenut qed jagħmel minn kollox biex itellef il-bejgħ tal-istess dar u qed jirrifjuta jbiegħ", li "huwa tenna mal-esponenti li huwa leħaq ftehim mal-BOV sabiex iħallas pagamenti konsiderevoli sabiex il-bank iwaqqfu s-subbasta", u li "huwa qalilha li mal-BOV ghandu ftehim li jhallas circa EUR10,000 kull tlett xhur".*

*F'dan il-kuntest, il-Qorti tara illi mill-atti jirrizulta li permezz ta' sentenza finali mogħtija nhar it-3 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet* ***Bank of Valletta plc C2833 vs Saviour sive Sammy Attard et****, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lil konjuġi Attard iħallsu flimkien u in solidum bejniethin lil Bank of Valletta plc is-somma ta' €191,916.82 flimkien mal-imgħax legali mit-13 ta' April 2018 sal-jum tal-effettiv pagament, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur. Konsegwentament jidher li l-Bank of Valletta plc, nhar id-19 ta' Jannar 2021 ipprezenta rikors għall-qbid ta' ħwejjeġ immobbli, ossija "il-fond minghajr isem, bin-numru ufficjali sebgha u tletin (37), fi Triq il-Kapuccini, Haz-Zabbar, inkluza l-arja sovrastanti, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu", liema talba ġiet akkolta nhar il-25 ta' Jannar 2021 u l-bejgħ tal-imsemmi fond ġie ordnat li jsir permezz tal-proċedura tas-subbasta nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2021.*

*F'dan l-istadju l-attriċi qiegħda tallega illi l-konvenut leħaq ftehim mal-Bank of Valletta plc sabiex jiġi evitat l-bejgħ tal-fond in kwistjoni permezz tas-subbasta u konsegwentment f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi tterminata hi ser tiġi ppreġudikata stante li fil-fehma tagħha "l-flejjes li ser jintuzaw sabiex jinqata l-loan huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u huma flejjes li ġew mġemmgħin" u "l-esponenti ma tafx biċ-ċert kemm huma l-flejjes kontanti li għandu fil-pussess tiegħu l-konvenut (li għad trid itella provi dwarhom), izda kif ukoll minħabba l-fatt li ser jintuzaw flejjes li huma tal-komunjoni tal-akkwisti bl-intendiment li dawn jiġu jidhru li tħallsu mill-konvenut biss".*

*Il-Qorti tara illi mill-atti jirrizulta digriet tal-Qorti li jordna l-bejgħ tad-dar matrimonjali permezz ta' subbasta nhar it-22 ta' Ġunju 2021. Min-naħa l-oħra tara ukoll ir-risposta tal-konvenut tad-9 ta' April 2021 għar-rikors tal-attriċi tat-12 ta' Marzu 2021, fejn il-konvenut stess iddikjara*

*illi "l-esponenti jirrileva li għadu kemm mar il-bank u ghamel pagament sostanzjali fi hdan il-bank, u mhux minnu li hemm ebda subbasti ghaddejjin li waslu fi stadju fejn din id-dar tittiehed mill-bank; u l-esponenti qieghed jaghmel l-almu tieghu biex il-partijiet ma jkollhom jghaddu minn subbasta." B'hekk jirrizulta illi huwa kkonfermat dak allegat mill-attriċi u ċjoe' illi l-konvenut qiegħed jipprova jevita l-bejgħ tad-dar matrimonjali u b'hekk tezisti l-possibilita' li intlaħaq xi tip ta' ftehim.*

*Nonostante s-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi tali kwistjoni xorta waħda ma hijiex waħda li tista' tippreġudika lill-attriċi b'mod sproporzjonat. Dato ma non concesso li l-konvenut verament leħaq ftehim mal-bank u dan in assenza tal-attriċi, u dato ma non concesso ukoll illi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut, u l-flus li jitħallsu lill-bank f'isem il-konvenut ikunu flus maqlugħa matul il-perjodu li fih kien għadu jadopera l-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi dejjem għandha l-possibilita' li matul il-kawza għall-firda personali tressaq dawk il-provi dokumentarji u viva voce neċessarji sabiex tistabbilixxi l-provenjenza tal-flus li qegħdin jitħallsu mill-konvenut lill-bank bħala pagament tad-dejn in kwistjoni. Huwa minnu li l-attriċi allegat illi l-konvenut għandu t-tendenza li "jinnegozja biss bi flus kontanti" u li "ma tafx biċ-ċert kemm huma l-flejjes kontanti li għandu fil-pussess tiegħu", izda jekk dan huwa minnu, zgur mhux forsi dan ma huwiex it-tip ta' aġir li ser ikun ittollerat mill-bank għall-ħlas tal-pagamenti tad-dejn in kwistjoni. Dan jingħad in vista tal-fatt illi permezz tal-protokol tal-bank rigward il-ħasil ta' flus, il-bank mhux ser jittollera abbuz, inkluz depoziti ta' somom ta' flus konsiderevoli li l-provenjenza tagħhom ma tkunx evidenti u kristallizata. Għaldaqstant kull pagament li se mai isir mill-konvenut, il-bank ser ikun konxju tal-istess u l-provenjenza tad-depozitu, u b'hekk l-attriċi mhux ser ikollha problemi sabiex tivverifika fil-ġbir tal-provi tagħha dwar jekk tali pagamenti humiex jitħallsu minn flus li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti o meno.*

*Nonostante s-suespost u tenut kont ukoll li ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegat ftehim, il-Qorti ma tinsabx konvinta illi l-konvenut leħaq ftehim konklussiv mal-bank u dan mingħajr konsultazzjoni mal-attriċi, kif ukoll l-awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tagħha stess. Skont is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jirrizulta li l-attriċi hija responsabbli għad-dejn in kwistjoni flimkien u in solidum mal-konvenut, u b'hekk għandha l-jedd li tkun parteċipi f'laqgħat mal-bank u tkun ikkonsultata qabel ma tittiehed kwalsiasi deċizjoni dwar kif għandu se mai jitħallas id-dejn. Kieku dan kien verament minnu, x'waqqaf lill-attriċi milli tressaq prova dwar tali ftehim? Barra minn hekk, jista' jkun li fil-prezent hemm xi trattativi, izda lanqas dan ma ġie b'xi mod ippruvat u fi kwalunkwe kaz tali trattattivi jista' jkun li ma jwasslu imkien. Għaldaqstant u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax li l-attriċi tista' tiġi ppreġudikata b'mod sproporzjonat, u dan tenut kont ukoll illi skont dak pprovdut lil din il-Qorti, il-proċedura tas-subbasta ma tidhirx li ġiet revokata.*

> *Fir-rigward tal-allegat aġir tal-konvenut illi għandu t-tendenza li jixtri affarijiet f'isem ħaddieħor u kif ukoll jinnegozja biss bi flus kontanti peress li hemm mandati ta' sekwestru kontra tiegħu, il-Qorti tevalwa illi l-insinwazzjonijiet tal-attriċi fuq zewġha ma ġewx minimament ippruvati. Huwa minnu li l-attriċi resqet prova li kienu ġew ipprezentati numru ta' mandati ta' sekwestri kontra l-konvenut izda ma ġiex ippruvat jekk tali mandati għadhomx in vigore, u fi kwalunkwe kaz tali dokumenti ma jikkorraborawx it-tendenzi malizzjuzi tal-konvenut. Jiġi mfakkar illi min jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova.*
>
> *Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin".*

4. B'rikors preżentat fis-16 ta' Ġunju, 2021, l-attriċi appellat mis-sentenza filwaqt li l-konvenut wieġeb fit-30 ta' Ġunju, 2021. Fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2022, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'iżidu ma' dak li hemm fl-atti u l-appell tħalla għas-sentenza għallum.

L-ewwel aggravju.

5. Fl-ewwel aggravju l-attriċi tilmenta li:

   i. Għadhom ma bdewx jinġabru l-provi dwar f'hix tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti. Qalet li l-konvenut dejjem ħeba l-ġid u qatt ma jikkonsulta magħha. Dan ifisser li f'dan l-istadju mhijiex f'pożizzjoni li tikkawtela l-assi li għandha sehem fihom;

   ii. Il-konvenut għandu tendenza jixtri affarijiet f'isem ħaddieħor. Irriżulta kif il-konvenut għamel ukoll depożitu ta'

€50,000 fil-bank fix-xahar ta' Marzu, u l-attriċi għad ma kellhiex l-opportunita` tressaq provi dwar il-provenjenza tal-istess;

iii. Qabel sar ftehim mal-bank dwar kif ser jitħallas id-dejn li hemm mal-bank, ma kinux qegħdin isiru ħlasijiet. L-intenzjoni tiegħu hi li juża flus tal-komunjoni sabiex iħallas dejn bil-ħsieb li jidher li qiegħed iħallas hu biss;

iv. Ser ikun ferm diffiċli għall-attriċi li tati prova tal-provenjenza ta' flus kontanti;

v. Matul iż-żwieġ hi kienet taħdem fid-dar. Kien biss dan l-aħħar li bdiet taħdem, wara għoxrin sena, u tirċievi €1173 kull xahar. Min-naħa l-oħra l-konvenut dejjem ħadem u kellu l-opportunita` jkabbar in-negozju. Kien proprju minħabba l-qligħ tal-konvenut li l-bank kien ta s-self. Qligħ li qiegħed jieħdu l-konvenut peress li n-negozju jmexxieh waħdu. M'hemmx dubju li hemm disparita` bejn il-qligħ li tagħmel kull parti fil-każ in eżami. Filwaqt li l-attriċi għandha biss salarju, l-konvenut jidher li hu finanzjarjament kapaċi jagħmel depożiti konsiderevoli.

6. Il-konvenut argumenta li f'dan il-każ ma jeżistix ir-rekwiżit ta' preġudizzju mhux proporzjonat kontemplat fl-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili. Dan

apparti li l-attriċi ma spjegatx f'hix jikkonsisti l-preġudizzju u lanqas talbet biex tressaq provi. Inoltre, l-ħlas ta' €50,000 li sar mill-konvenut kien għal benefiċċju tal-partijiet għaliex b'hekk il-bank ma ħadilhomx id-dar. Dan apparti li dak li għamlu l-partijiet sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhux ser jiġi ppreġudikat. Kull parti ser ikollha d-dritt li tressaq provi dwar il-ġid tal-komunjoni sad-data tat-terminazzjoni.

Konsiderazzjoni.

7. Il-fatt li jkunu għadhom ma nġabrux il-provi fuq il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti mhuwiex ta' ostakolu sabiex jintalab it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Għalkemm il-konvenuta tgħid li żewġha dejjem ħeba l-assi tiegħu, din għadha biss allegazzjoni. Ukoll jekk dik l-allegazzjoni tiġi ppruvata, ma jfissirx li t-terminazzjoni tal-komunjoni f'dan l-istadju ser twassal għal xi preġudizzju sproporzjonat għall-attriċi. L-attriċi tilmenta li peress li ma tafx f'hix tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, mhijiex f'pożizzjoni li tikkawtela l-assi tagħha peress li għadhom mhumiex determinati. Pero' jekk ma tafx, il-problema xorta teżisti f'każ li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma ssirx issa.

8. Semmiet ukoll li l-konvenut xtara ġid f'isem ħaddieħor u nnegozja fi flus kontanti. Il-Qorti ma tifhimx x'benefiċċju ser tieħu l-attriċi f'dan ir-

rigward jekk il-komunjoni tal-akkwisti tkompli teżisti. Dwar l-ilment tagħha li s'issa għad ma kellhiex l-opportunita` li tressaq provi dwar depożitu ta' €50,000 fil-bank fix-xahar ta' Marzu, it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma tippreġudikax il-jedd tal-attriċi li tressaq il-provi li trid fir-rigward ta' dak id-depożitu. Kompliet tilmenta li għandha biża' li l-konvenut juża terzi sabiex inaqqas sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. L-attriċi ma spjegatx kif dan jista' jsir u l-Qorti mhijiex ser toqgħod tispekula. L-attriċi kompliet tilmenta li l-intenzjoni tal-konvenut hi sabiex juża flus tal-komunjoni sabiex iħallas dejn bl-intenzjoni li jidher li ħallashom hu. Pero' jekk dak hu l-każ il-konvenut ser ikollu jagħti spjegazzjoni ċara u kredibbli li l-flus huma relatati ma' xi xogħol jew negozju li għamel waħdu wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

9. L-attriċi lmentat ukoll li ma ngħatatx l-opportunita` li tixhed. Pero' kieku riedet fil-kawża ta' separazzjoni kellha kull opportunita` li tixhed u tagħti spjegazzjonijiet li riedet. Dan apparti li għalkemm l-ewwel Qorti appuntat ir-rikors għas-sentenza u mhux għall-provi, l-attriċi ma talbitx lill-ewwel Qorti sabiex tagħtiha l-opportunita` tressaq provi. Talba li setgħet issir qabel id-data tas-smigħ u wkoll waqt is-seduta qabel il-Qorti qrat is-sentenza.

10. L-attriċi qalet ukoll li mhijiex f'pożizzjoni tħallas sehemha mid-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Id-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti hu taż-żewġ

partijiet irrispettivament mill-qligħ li għandhom. Mill-atti tal-kawża ta' separazzjoni jirriżulta li hemm dejn qrib €200,000 mal-Bank of Valletta plc. Ir-rappreżentant tal-bank spjegat[1] li b'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2018, il-bank ġie kanonizzat kreditur tal-partijiet fl-ammont ta' €191,916 bl-imgħax mit-13 ta' April, 2018.[2] Saħansitra jirriżulta li l-bank beda wkoll il-proċedura għall-bejgħ bl-irkant tad-dar taż-żwieġ (bejgħ bl-irkant numru 1/2021 fl-istess ismijiet). Fil-bidu ta' Marzu 2021 tħallset is-somma ta' €50,000. Ħlas li sar b'ċekk maħruġ f'isem iż-żewġ partijiet għal dak l-ammont u li ġie depożitat fil-11 ta' Marzu, 2021. Milli fehmet il-Qorti dak il-ħlas sar b'referenza għall-kont maħruġ mill-kumpanija Absolute Construction Ltd għal xogħol ta' kostruzzjoni u li fiha l-konvenut hu direttur. Wara dakinhar saru pagamenti oħra lill-bank li wħud minnhom saru mill-attriċi. Il-Qorti fehmet li dawk il-pagamenti, li saru b'ċekk maħruġ f'isem l-attriċi u maħruġ minn Foundation for Social Welfare Services (FSWS) – Ħarsien tat-Tfal huma salarju tal-attriċi.

11. Sub-inċiż (4) tal-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkun sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".*

12. Parti sostanzjali mid-dejn li l-partijiet għandhom mal-Bank of Valletta plc hu għan-negozju, li l-Qorti fehmet li jitmexxa biss mill-

[1] Seduta tal-4 ta' Novembru 2021 quddiem l-Assistent Ġudizzjarja fil-kawża ta' separazzjoni.
[22] Kopja ta' sentenza Bank of Valletta plc v. Saviour Attard et (15/2018) a fol. 42 tal-proċess.

konvenut. Evidenti li dak is-self ingħata minħabba l-qligħ jew *projected profits* li kien ser ikun hemm fin-negozju. Jekk ser tieqaf il-komunjoni tal-akkwisti l-qligħ li tagħmel kull parti kemm iddum il-kawża, ikun tal-parti li tagħmlu u mhux tal-konjuġi flimkien. Hu ċar li l-qligħ tal-attriċi hu mill-impjieg li għandha. Qligħ li diffiċli jpoġġiha f'pożizzjoni li tħallas nofs id-dejn li hemm mal-Bank of Valletta plc. Hu wkoll ċar li l-attriċi mhijiex involuta fit-tmexxija tan-negozju u għalhekk m'għandhiex kontroll fuq dak li qiegħed idaħħal fil-but żewġha. Milli fehmet il-Qorti hemm disparita` mhux żgħira bejn il-qligħ tal-attriċi u tal-konvenut. Qligħ li suppost qiegħed prinċipalment iservi biex jitħallas id-dejn li hemm mal-bank u b'hekk ma titkompliex l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li jwassal għall-bejgħ bl-irkant tad-dar matrimonjali. Dan apparti li l-provi li nġabru s'issa juru li d-dejn ma kienx qiegħed jitħallas b'mod regolari. Dan ikabbar l-istat ta' inċertezza. Ix-xhud Josette Tanti, uffiċjal tal-Bank of Valletta plc, spjegat li kien sar ftehim mal-konvenut sabiex jagħmel pagament ta' €50,000 u mbagħad €10,000 kull tliet xhur.[3] Kien wara li sar il-pagament ta' €50,000 li l-bank issospenda l-proċedura għall-bejgħ bl-irkant tad-dar matrimonjali.

13. Mid-dokumenti li ppreżentat ir-rappreżentant tal-Bank of Valletta plc[4] jidher li bejn it-30 ta' Ottubru, 2018, u l-bidu ta' Diċembru 2021, l-attriċi ddepożitat fil-kont tas-self li għandhom mal-Bank of Valletta kważi

[3] Fol- 440 et seq. tal-atti tal-kawża ta' separazzjoni.
[4] Ara rendikont Dok. JT8 fl-atti tal-kawża ta' separazzjoni.

€13,000 qligħ mill-impjieg. Min-naħa l-oħra l-konvenut iddepożita iktar minn €60,000. Il-bilanċ tad-dejn sad-19 ta' Jannar, 2022, kien €183,910. F'dan l-istadju l-prijorita` għandha tkun li jitħallas id-dejn mal-bank, iktar u iktar meta tikkunsidra li l-bank diġa` għandu titolu eżekuttiv kontra l-konjuġi Attard u d-dar matrimonjali qiegħda tagħmel tajjeb għal dak id-dejn.

14. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju jwassal biex l-attriċi tbati preġudizzju mhux proporzjonat meta tikkunsidra d-dejn konsiderevoli li għad hemm u d-disparita` evidenti li hemm bejn il-qligħ taż-żewġ partijiet.

<u>It-tieni aggravju</u>.

15. F'dan l-aggravju l-attriċi semmiet li fis-sentenza appellata ssemma li ma ressqitx provi dwar l-allegat ftehim li sar mal-bank u dak li allegat dwar żewġha ma ġiex ippruvat, u lanqas ma ġie ppruvat jekk il-mandati kinux għadhom fis-seħħ. Ilmentat li ma kellhiex l-opportunita` li tressaq provi f'seduta *".... fejn il-Qorti ħalliet ir-rikors u r-risposta għas-sentenza mal-ewwel permezz ta' digriet tagħha datata 11 ta' Mejju, 2021"*. Kompliet li dan kien ifisser li l-Qorti kienet diġa` waslet għal deċiżjoni meta l-attriċi ma kellhiex opportunita` tressaq rappreżentant tal-bank sabiex

jikkonferma x'kien il-ftehim, u lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jiddikjara jekk il-mandati għadhomx fis-seħħ.

16. Peress li l-ewwel aggravju ser jintlaqa' m'hemmx għalfejn jiġi kkunsidrat it-tieni aggravju.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attriċi u tħassar is-sentenza appellata tas-27 ta' Mejju, 2021, u minflok tiċħad it-talbiet tal-konvenut magħmula bir-rikors li ppreżenta fit-23 ta' April, 2021. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da